DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/573

tat-8 ta' April 2019

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tat-Tielet Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2), l-Artikoli 207 u 211, flimkien mal-punt (a) tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra ([2]) (il-"Ftehim Globali"), ġie ffirmat fit-8 ta' Diċembru 1997, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2000.

(2) Skont l-Artikolu 6(2) tal-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Ftehim Globali għandha tiġi miftiehma permezz ta' protokoll għall-Ftehim Globali konklużż bejn il-Kunsill, li jkun qed jaġixxi unanimament f'isem l-Istati Membri, u l-Istati Uniti Messikani.

(3) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti Messikani bil-ħsieb li jiġi konklużż it-Tielet Protokoll Addizzjonali sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (il-"Protokoll"). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess u l-Protokoll ġie ffirmat f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2024 ([3]) u fis-27 ta' Novembru 2018.

(4) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-Tielet Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ([4]).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 5(2) tal-Protokoll ([5]).

([1]) Approvazzjoni tat-12 ta' Frar 2019 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) ĠU L 276, 28.10.2000, p. 45.
([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2024 tat-22 ta' Mejju 2018 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja tat-Tielet Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 325, 20.12.2018, p. 1).
([4]) It-test tal-Protokoll ġie ppubblikat fil-ĠU L 325, 20.12.2018, p. 3 flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar tiegħu.
([5]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ser tiġi pubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-8 ta' April 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
F. MOGHERINI